# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017**

**Numru: 14**

**Rikors Numru: 945/09 AE**

**Joseph Spiteri għan-nom u in rappreżentanza ta' Stefan Spiteri u b'digriet tal-4 ta' Ottubru, 2016 stante l-mewt ta' Joseph Spiteri fil-mori tal-kawża il-Qorti ordnat is-sostituzzjoni tiegħu b'Agnes Spiteri bħala kuratur ad litem ta' Stefan Spiteri**

**v.**

**Dr. Anthony Cutajar u PL Alison Wadge bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-assenti Kseniya Kandybina Passaport No. Mp 2017955 u b'nota tal-20 ta' Awwissu 2012 Kseniya Kandybina assumiet l-atti tal-kawża minflok il-kuraturi deputati**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fit-30 ta' Settembru, 2009 li jaqra hekk:

“1. Illi huwa gie awtorizzat jipprocedi kontra martu l-intimata Ksenya Kandybina b’digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja numru

“2. Illi r-rikorrent dahal f’kuntratt Ante Nuptial Contract mal-intimata, datata 9 ta’ Gunju 2009 fl-atti tan-Nutar Dott P Vella Haber liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat Dok A;

“3. Illi fost affarijiet ohra, bil-hsieb li jizzewweg lill-konvenuta, ir-rikorrenti obbliga li jassenja kont bankarju fl-ammont ta’ tnax-il elf ewro [12,000] lill-intimata oltre li jassjena kont bankarju fl-ammont ta’ tnax-il elf ewro [12,000] lill-intimata oltre li l-intimata ghandha kreditu kontra r-rikorrent ta’ hamest elef ewro [5,000], kif ukoll li r-rikorrent jiddepozita hames mitt ewro [500] fix-xahar fil-kont bankarju tal-intimata, liema ammont ghandu jitla’ ghal elf ewro [1,000] fix-xahar, jekk kemm-il darba l-intimata jkollha ulied ir-rikorrent .

“4. Illi di piu` r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas is-somma ta’ sittin elf ewro [€60,000] lill-intimata jekk kemm-il darba iz-zwieg taghhom jigi dikkjarat null, jew jottjenu divorzju jew jisseparaw.

“5. Illi kif appena il-kontendenti zzewwgu, l-intimata telqet lir-rikorrenti u marret lura f’pajjizha.

“6. Illi kif ser jirrizulta mis-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza l-agir tal-intimata kien wiehed frawdulenti u l-uniku skop li kellha l-intiata kien li tarrikkixxi ruhha indebitament minn fuq dahar l-attur.

“7. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inghata peress li kien ingannat mill-intimata b’tali mod illi minghajr dak l-ingann ir-rikorrent ma kienx jikkuntratta.

“Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

“1. tiddikjara li l-kunsens tal-esponent inghata stante li kien ingannat u dan ai termini tal-Artikolu 974 u 981 [1] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta

“2. tirrixendi l-kuntratt datat 9 ta’ Gunju 2009 u dan ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

“Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:

“1) Illi f’dan l-istadju huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata u

f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom l-indirizz tal-intimata sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghha."

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:

"1. Preliminarjament, in-nullita' tal-azzjoni attrici peress li Joseph Spiteri ma setghax joqghod fil-kawza ghan-nom ta' ibnu Stefan Spiteri li kien prezenti f'dawn il-Gzejjer u dan kif jipprovdi l-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

"2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, mhux minnu li l-kunsens ta' Stefan Spiteri inghata ghax kien gie ingannat mill-esponenti u dana ai termini tal-Artikoli 974 u 981 [1] tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"3. Il-fatt hawn dikjarati gew maghrufa lill-esponenti mill-Avukat Dottor Henry Antoncich LL.D., l-avukat tal-assenti.

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Lulju, 2012, li in forza tagħha iddeċidiet il-kawża billi:

"tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u:-

"1. Tiddikjara li l-kunsens ta' Stefan Spiteri fuq il-kuntratt pubblikat fid-9 ta' Gunju 2009 min-nutar Dr Patricia Vella Haber ittiehed b'eghmil doluz min-naha tal-konvenuta.
"2. Tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt.

"Spejjez a karigu tal-konvenuta, b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi ghandu provizorjament jaghmel tajjeb ghalihom l-attur.

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt pubblikat fid-9 ta' Gunju 2009 min-nutar Dr Patricia Vella, ghaliex qieghed isostni li kien gie ngannat. It-talba tieghu hi bazata fuq l-Artikoli 974 u 981 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 981 jipprovdi:-

> *"**981.** (1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."*.

"Fil-kawza **Anthony Piscopo vs Charles Filletti** deciza minn din il-qorti[1] fis-16 ta' Gunju 2003, gie osservat:-

> *"Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "**Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u*
>
> *Dan jattalja mal-hsieb traccjat fis-sentenza "**Giovanni Farrugia Gay –vs- Emmanuele Farrugia Gay**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 fejn jinghad li "occorre un elemento specifico costuito dalle false rappresentazioni, degli artifizi fraudolenti, dello inganno, usati come mezzi per raggirare lascarsa intelligenza dell' altro contraente"*.

"Fil-kawza **Emmanuele Sciberras vs Nobbli Nazzareno Zimmerman Barbaro** deciza mill-Prim'Awla[2] fit-13 ta' Frar 1946 gie ossevat:-

> *"Illi, kif josserva l-Laurent, 'ogni vizio del consenso e' individuale e deve essere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l'influenza che i raudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull'animo di lui....'. L-istess jghid...... l-Baudrey... bil-kliem:- 'Per conseguenza nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu o meno facile ingannarla.'"[3]*.

"Hu fatt li l-attur ghandu d-dmir li jgieb provi adegwati u konvincenti. F'kaz ta' dubju, azzjoni ta' din ix-xorta ghandha tigi michuda.

[1] Imhallef P. Sciberrras.
[2] Imhallef W. Harding.
[3] Volum XXXII.ii.223.

"Jibda biex jinghad li l-ewwel eccezzjoni hi minghajr bazi. Mill-provi rrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-attur gie inabilitat u missieru, Joseph Spiteri, qieghed jidher ghalih. Ghalkemm permezz ta' nota prezentata fl-4 ta' Mejju 2010 gie ddikjarat li Stefan Spiteri assuma l-atti, gialadarba jirrizulta li hu inabilitat allura l-kuratur ghandu jibqa' jidher fl-interess tieghu.

"Il-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Gunju 2008. Qabel iz-zwieg iffirmaw kuntratt fejn iddikjaraw li kienu ser jizzewwgu u li l-komunjoni tal-akkwisti m'ghandix tapplika fil-kaz taghhom u li:-

"i. Il-flus li hemm f'kontijiet bankarji numru 2101700004222[4] u 40017318994[5] mal-Bank of Valletta plc, huma tal-konvenuta. Kontijiet li jirrizulta li nghalqu.
"ii. Is-somma ta' €5,000 hi dovuta lill-konvenuta u ghandu jithallas mhux iktar tard mill-ahhar ta' Awwissu 2009.
"iii. Mid-data taz-zwieg, l-attur kellu jiddepozita €500 fix-xahar f'kont bankarju ntestat f'isem il-konvenuta bhala manteniment ghaliha, u f'kaz li jitwieldu t-tfal is-somma tkun ta' €1,000 sakemm it-tfal isiru maggorenni.
"iv. L-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €60,000 fl-evenwalita *"...the marriage between the two parties be dissolved or annulled by a competent Maltese or foreign court or tribunal and/or the appearers Stefan Spiteri and Ksenya Kandybina attain a divorce or effect a separation."*.
"v. F'kaz li ma jkollux tfal, *"...then the said five hundred Euro (€500) due as maintenance to the said Ksenya Kandybina will not be due by Stefan Spiteri if their marriage is dissolved or annulled by a competent Maltese or foreign court or tribual and/or the appearers Stefan Spiteri and Ksenya Kandybina attain a divorce or effect a separation."*. Jidher ghalhekk li l-pern tal-kwistjoni huma s-sittin elf ewro (€60,000), il-flus tal-kontijiet bankarji li jissemmew fil-kuntratt, u s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000), b'kollox **sebgha u tmenin elf ewro (€87,000)**.

"It-tezi tal-attur hi li maz-zwieg il-konvenuta telqitu u rritornat lura lejn pajjizha, u kollox kien mahsub minn qabel. Sfortunatament il-qorti ma kellix l-opportunita li tisma' l-verzjoni tal-attur li hu rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli ghall-kura. B'digriet tal-15 ta' Frar 2011 moghti mill-qorti volontarja l-attur gie inabiltat, u missieru nhatar bhala kuratur. Fid-digriet jinghad li Stefan Spiteri jista' jaghmel biss atti ta' semplici amministrazzjoni[6]. L-attur ipprezenta certifikat tal-psikjatra Dr Anthony Dimech fejn jinghad[7] li Stefan Spiteri qieghed taht il-kura tieghu u:

[4] Kont ma' Credit Europe Bank. Donald Muscat xehed li l-kont kien infetah fid-29 ta' Dicembru 2008 u fih kien hemm is-somma ta' €10,000 (seduta tas-16 ta' Dicembru 2011).
[5] F'dan il-kont, BOV 18 month term deposit account, kien hemm is-somma ta' €12,000 fiz-zmien li sar il-kuntratt.
[6] Digriet numru 94/2011.
[7] 3 ta Gunju 2010 (fol. 11). Jirrizulta li l-attur ilu minn Frar 2008 taht il-kura ta' Dr Dimech.

> *"**He was diagnosed with severe mental illness, namely schizophrenia.** He is currently an impatient at Mount Carmel Hospital on high dose CLOZAPINE, which is a special anti psychotic medication used exclusively for treatment – resistant Schizophrenia. I have been his Consultant Psychiatrist since February 2008. However, I had known Stefan Spiteri since 2001, when the diagnosis was intially made and the first treatment was started. I was part of the psychiatric team who made this decision.*
>
> *I believe that the nature and severity of his chronic condition make his social functioning impaired. He is exceptionally vulnerable to exploitation by others, and his ability to for intimate relationships is severly impaired, especially with the other gender (i.e. women). As a result, I am aware that on a number of occasions he suffered significant financial losses. In essence, Mr Stefan Spiteri is and has been chronically mentally unwell and this condition, over the past years, has affected his judgement, specially in social and financial matters."*.

"Il-psikjatra Dr Anthony Dimech xehed[8] u rega' kkonferma li l-attur ibati minn *"....kundizzjoni kronika u severa li hija paranoid schizophrenia."*. Kompla jghid: *"Din hija marda, hija tista' tghid l-iktar marda kronika, severa u serja fil-qasam tas-sahha mentali u jien inzertajt li kont naf lil Stefan Spiteri madwar ghaxar snin ilu meta kien ipprezenta l-ewwel darba l-isptar Monte Carmeli. Dak iz-zmien ma kontx konsulent u ma kienx pazjent tieghi imma kont involut fil-kura tieghu."*. Zied li l-marda hi permanenti u li l-ewwel darba li ltaqa' mieghu kien diga' marid, tant li kien qieghed jiehu medicina li tintuza ghal din it-tip ta' marda. Qal li dak iz-zmien s-sitwazzjoni kienet *"Gravi hafna kellu jigi rikoverat l-Isptar kontra l-volonta tieghu u billi kien hemm problema li ma kienx qed jaccetta l-kura ttiehdet id-decizjoni li kien jiehu anke x'injezzjonijiet dak iz-zmien."*. Qal ukoll li l-marda *"taffettwa dak li nghidulu executive function tal-persuna jigifieri taffettwa l-abilta' tal-persuna li tiehu decizjonijiet, li tippjana u li tapprezza dak li qed jigri madwarha."*. Ix-xhud wasal biex ighid li fil-fehma tieghu Spiteri ma kienx kapaci li jizzewweg.

"Il-qorti tistqarr li jekk ma tkunx taf id-dettalji tal-kaz u taqra biss il-kuntratt tistghageb kif persuna tista' tidhol ghal dawk l-obbligi kollha li dahal ghalihom l-attur meta tqies kemm kienet qasir ir-relazzjoni qabel iz-zwieg u kif l-obbligi finanzjarji li dahal ghalihom, bl-eccezzjoni tal-manteniment f'kaz li ma jkunx hemm tfal, ma kienu soggetti ghall-ebda kundizzjoni.

"Wara li l-qorti kellha l-opportunita tisma' lil Joseph Spiteri, missier l-attur, u lill-konvenuta jaghtu x-xhieda taghhom *viva voce* tistqarr li:-

---

[8] Seduta tal-31 ta' Mejju 2011

"i. Fil-fehma taghha l-agir ta' missier l-attur meta sar jaf li ibnu ser jizzewweg lill-konvenuta ma kienx ta' persuna responsabbli. Bhala genitur kellu dmir, gialadarba kien jaf li minhabba mard ibnu hu persuna debboli u vulnerabbli, li jikkonsulta ruhu mat-tabib kuranti u jiddiskuti mieghu dak li kien qieghed jippjana li jaghmel ibnu. Xehed:- *"It-tifel kien kuntent li ser jizzewweg, jiena m'ghamiltlux ostakoli. Hu kien ihobbha lill-konvenuta. La rajtu li ried jizzewwigha hallejtu jaghmel hu pero jien qatt m'ghaddieli minn mohhi li se jaghmel din il-paprata."*[9]. Atteggjament li l-qorti ma tistax taqbel mieghu. Mill-provi ma rrizultax li l-konvenuta kienet infurmata, qabel gie celebrat iz-zwieg, li l-attur kien ibati mill-marda shizophrenia. F'dan ir-rigward ukoll il-passivita ta' Joseph Spiteri hu ta' min jiddeplorah.

"ii. Jidher li kien l-attur li ghamel l-arrangamenti sabiex isir il-kuntratt. Il-qorti tifhem li kien hu li nkariga avukat biex jassisti, gialadarba l-konvenuta hi frustiera. Fir-realta' kollox sar bil-miftuh u ma jidhirx li fit-thejjija ghall-kuntratt il-konvenuta ghamlet xi haga bil-mohbi. L-attur kellu l-opportunita kollha li jitlob parir minghand l-avukat li kien qieghed jassisti. Madankollu jidher li l-attur kien lest u determinat li jaghmel kollox biex ikompli fir-relazzjoni mal-konvenuta u jizzewwigha. M'hemmx dubju li l-mard tal-mohh ma kienx ta' ghajnuna fid-decizjonijiet li ha.

"iii. Minn dak li xehed it-tabib Dimech, jidher li l-hajja ma' persuna li jbaghti mill-marda ta' schizophrenia mhi facli xejn. Din kienet sitwazzjoni lesta biex tisplodi minn mument ghall-iehor. Missier l-attur stess qal li kien konvint li dan iz-zwieg ma kienx ser ikun permanenti. M'ghandix tkun sorpriza li z-zwieg sfaxxa f'xahrejn. Dan hu zwieg li skond il-psikjatra Dr Dimech qatt ma kellu jigi ccelebrat.

"iv. Mill-provi ma rrizultax li z-zwieg gie celebrat fuq insistenza tal-konvenuta. Ghall-qorti hu evidenti li l-attur kien tilef rasu wara l-konvenuta u kien lest jaghmel minn kollox biex jikkonvinciha tizzewwgu u tigi tghix Malta.

"Madankollu mill-provi rrizulta wkoll li:-

"i. Il-konvenuta xehedet li:- *"Minghajr il-kuntratt li ffirmajna fid-9/06/2009, jiena xorta kont nizzewwgu lil Stefan, ghax kont sirt inhobbu."*[10]. Il-qorti ma temminx din il-verzjoni. Jekk din hi l-verita, mela ma kienx hemm skop li l-attur jassumi dawk it-tip ta' pizijiet finanzjarji. Il-qorti hi moralment konvinta li l-kuntratt kien ic-cavetta ghac-celebrazzjoni taz-zwieg u minghajru l-konvenuta ma kenitx ser tizzewweg. Tant dan kien jidher li hu l-fattur determinanti u mhux l-imhabba li l-konvenuta tghid li kellha lejn l-attur, li l-obbligi finanzjarji li dahal ghalihom l-attur m'huma marbutin b'ebda kundizzjoni. Hekk per ezempju l-attur obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' €60,000 f'kaz ta'

[9] Fol. 81.
[10] Seduta tat-13 ta' Ottubru 2011.

annullament, divorzju jew separazzjoni irrispettivament ta' min kellu t-tort u rrispettivament ta' kemm idum iz-zwieg.

"ii. Missier l-atturipprezenta taghrif li sab fuq l-internet dwar il-konvenuta[11]. Mistoqsija dwaru qalet li dak it-taghrif kien tpogga fuq l-internet minn wara darha minn xi hadd li ma tafx min hu. Verzjoni li ghall-qorti m'hijiex kredibbli iktar u iktar meta tqies li fih dettalji personali tal-konvenuta li qatt ma kkontestat, u fuq ammissjoni taghha stess qatt ma ghamlet xejn biex dan it-taghrif personali dwarha jitnehha minn fuq l-internet. Li ma jirrifletti xejn tajjeb fuq il-konvenuta hu li jidher li dan l-avviz sar wara l-5 ta' Awwissu 2009 u l-bidu tal-ewwel tas-sena 2010. Qieghed jinghad hekk peress li:-

"(a) Il-konvenuta twieldet fil-5 ta' Awwissu 1980 u fl-avviz jinghad li ghandha 29 sena. Ghalqet 29 sena fil-5 ta' Awwissu 2009.

"(b) Fl-avviz jinghad ukoll *"Orthodox Christmas is January 7th[12] – Why not send your loved one some flowers, perfume or something special."*. Qed jirreferi ghas-sena 2010 ghaliex d-dokumenti kienu pprintjati fil-5 ta' Marzu 2010.

"Il-qorti ma tifhimx kif persuna li tghid li kienet thobb lill-attur u li riedet tizzewwgu, fl-ewwel ftit xhur wara li telqet mid-dar matrimonjali u wara esperjenza tant kerha irreklamat lilha nnifisha fuq l-internet li trid tiltaqa' ma' ragel mill-punent ghal skopijiet ta' zwieg u fil-parti *"Marital status"* tnizzel *"single"*. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tara fejn kienet din l-imhabba kollha. Hu veru li fil-verzjoni li tat qalet li wara z-zwieg zewgha kien sar geluz, ma kienx jaghtiha flus, kien aggressiv u kien refa' jdejh fuqha tant li kkagunalha griehi hfief. Pero' jekk din hi l-verita, wara trawma bhal dik minnufih taghmel avviz fuq website ta' tfajliet li qeghdin ifittxu rgiel minn pajjizi tal-punent ghal skopijiet ta' zwieg ? Xenarju li ghall-qorti ma jirriflettix li l-konvenuta kienet genwina fl-agir taghha.

"i. L-inkwiet bejn il-kontendenti inqala' ezatt wara li missier l-attur kien insista li ssir korrezzjoni fil-kuntratt, fis-sens li jidhol fis-sehh fi zmien 10 snin mid-data taz-zwieg. Joseph Spiteri qal li l-konvenuta qaltlu li kienet taccetta 5 snin u baqghu li jmorru ghand nutar biex issir il-korrezzjoni. Il-qorti kellha l-opportunita tisma' lil Joseph Spiteri jixhed. Ghalkemm dan il-kaz jittratta dwar ibnu, dan il-fatt ma jfissirx li dak li qal m'huwiex prova. Ovvjament bhala persuna interessata fil-kaz il-qorti trid tqies il-verzjoni li jaghti b'iktar attenzjoni. Pero' f'dan il-kaz m'hemm l-ebda raguni ghalfejn ma temminx il-verzjoni li ta fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2001. Verzjoni li kien diga' ta fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, u li fl-ebda stadju ma giet kontestata mill-konvenuta.

[11] Fol. 35 – 36 – It-taghrif jikkonsisti fid-dettalji dwar il-konvenuta u li qeghda tfittex sieheb li ghandu eta' bejn 20 u 55 sena.
[12] Hu maghruf li l-Kristjani Ortodossi tal-Lvant jiccelebraw il-Milied fis-7 ta' Jannar.

"ii. Il-konvenuta xehedet li ltaqghet mal-attur fl-2007 f'Moska. Zammew il-kuntatt ma' xulxin billi kienu jibghatu l-messaggi u xi sena u nofs wara Stefan baghatilha biljett tal-ajru biex tigi Malta. Qalet li fi Frar 2009 giet ghall-ewwel darba f'Malta ghal erbgha jew hamest ijiem, u qaghdet fl-appartament tieghu. Wara dan il-vjagg baqghu f'kuntatt bejniethom permezz ta' messaggi kontinwi bit-telefon[13]. Ziedet tghid li Stefan kien mar Minsk, Belorussia u dam xi xahar; *"When we were in Minsk we stayed at the hotel.....We stayed in a very nice hotel, it was Stefan who paid the bill."*. Kienu ltaqghu ukoll f'okkazzjoni ohra gewwa Varsavja, il-Polonja u regghet giet Malta ghall-perjodu ta' ghaxart ijiem u regghu qaghadu fl-appartament tal-attur. Marru wkoll ghall-btala ta' ghaxart ijiem f'Dubai. Fatti li juru li ghalkemm ma kenitx relazzjoni twila, il-kontendenti qattghu zmien flimkien. Hu minnu li m'hemmx prova certa li l-konvenuta kienet taf li l-attur hu mentalment marid. Min-naha l-ohra dan kien ragel li qieghed fuq medicina qawwija hafna, tant li Dr Dimech mistoqsi jekk persuna f'dik il-kundizzjoni hijiex mentalment kapaci tidhol f'obbligi, wiegeb: *"Kapacita ta' persuna li tbati minn kundizzjoni li hija kronika u severa bhal ma hija paranoid shcizophrenia l-effett tal-kundizzjoni jnaqqas il-kapacita tal-persuna li tdhol ghal dawn il-commitments.* ***U nerga' nghid il-persuna wkoll barra li hija mghobbija bil-kundizzjoni hija wkoll mghobbija bit-trattament li huwa serju hafna u li ghandu certu side effects u li jaffettwa wkoll certu processi mentali."***[14]. Il-qorti taraha difficli biex temmen kif fil-perjodu qabel iz-zwieg il-konvenuta ma kellix hjiel li l-attur qieghed jagixxi b'mod li jnissel suspett. Hu minnu li l-attur jidher li kellu hajtu tant li kien ighix wahdu, jivvjagga u kien diga' zzewweg ma' mara ohra barranija u ddivorzja. Pero dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-attur hu ragel li ilu snin twal ibaghati minn mard tal-mohh kroniku.

"Il-qorti hi konvinta li l-attur gie litteralment mahkum minn din ir-relazzjoni. Dr Dimech spjega li persuna li tbghati minn schizophrenia jista' ma jkunx "*....kapaci jiehu hsieb ta' jipprotegi lilu nnifsu f'oqsma differenti fil-qasam socjali wkoll. Fil-fatt persuni li jbaghtu minn schizophrenia jistghu jkunu vulnerabbli hafna f'hafna cirkostanzi differenti."*. Mistoqsi: *"Din ic-cirkostanza ta' vulnerabilita ghandi nifhem kienet prezenti fi Stefan ukoll ?"*. It-twegiba kienet: *"Iva billi Stefan il-forma ta' schizophrenia li ghandu hija wahda kronika ilha snin u hija severa."*[15]. F'dan ix-xenarju l-qorti m'ghandix dubju li l-attur hu persuna ta' volonta' debboli u soggett li jkun influwenzat minn dak li jghidlu haddiehor. Wiehed jista' jithajjar jargumenta li kien l-attur li nganna lill-konvenuta, li fix-xhur ta' qabel iz-zwieg uriha stil ta' hajja totalment differenti iktar u iktar meta m'hemmx provi li juru li kien qalilha bil-mard serju li kien ilu jbghati minnu s-snin. Madankollu wiehed irid jiftakar li l-attur ghandu mard tal-mohh serju. Din hi r-realta'. Il-qorti temmen li t-tgawdija u stil ta' hajja li kien hemm fix-xhur ta' qabel iz-zwieg kienu determinanti fl-ghazla li ghamlet il-konvenuta. Min-naha taghha tatu x'jifhem li thobbu u li lesta tizzewwgu ghalkemm urietu l-incertezza

[13] *"It was about hundred a day."* (fol. 87).
[14] Enfazi tal-qorti (fol. 56).
[15] Fol. 52.

taghha dwar il-pass li titlaq minn pajjizha u tigi tghix Malta. Kien dan li wassal lill-attur biex jipproponi l-kuntratt b'obbligi finanzjarji ferm oneruzi. Filwaqt li fil-kaz tal-hlas ta' manteniment fl-eventwalita li jkun hemm tfal saret rizerva li ma jithallasx f'kaz ta' separazzjoni, fir-rigward tal-flus ma ssemma xejn. Hu evidenti li fiz-zmien qasir tar-relazzjoni qabel iz-zwieg, il-konvenuta gawdiet hafna mill-aspett materjali. Fatt ammess minnha stess. L-impressjoni li hadet tal-attur kienet certament li hu sinjur u li hu kien lest li jaghmel kollox ghaliha biex ikun maghha. Min-naha tieghu l-attur ghamel minn kollox biex jimpressjona lill-konvenuta u jidher li rnexxielu. Il-konvenuta hadet l-opportunita u accettat li tizzewweg ben konsapevoli li hemm il-kuntratt li kien fih aspett finanzjarju ferm favorevoli ghaliha f'kaz li l-affarijiet ma jirnexxux. Il-qorti hi konvinta li l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg b'mohh miftuh hafna. Meta fiz-zwieg l-affarijiet ma mmaterjalizzawx u rat li r-realta mhux ser tkun divertiment u hajja ahjar milli kellha fil-Belorussia u sahansitra missier l-attur qajjem il-kwistjoni li ghandha ssir korrezzjoni tal-kuntratt, l-imhabba li tghid li kellha ghall-attur sparixxit f'hakka t'ghajn u telqet lura lejn pajjizha fit-13 ta' Awwissu 2009[16] u bdiet tippretendi li l-attur jonora l-obbligi kuntrattwali li dahal ghalihom. Il-qorti taghmilha cara li jekk l-affarijiet li semmiet il-konvenuta verament graw wara z-zwieg, huma kundannabbli u hadd ma ghandu jippretendi li kellha tibqa' tghix taht il-kundizzjonijiet li ddeskriviet; *"My husband became very jealous after marriage. He sent me to an English school so that I brush up my English. However after a few weeks he told me not to go there because he was afraid that I would meet somebody else. He employed a teacher to come every day to the apartment to teach me English. Stefan was constantly with me. He did not give me a copy of the key to the flat. I could not even speak on the telephone, he was constantly checking me. He told me that I could not go home alone, we could not travel separately. I wanted to go to the beach, he did not let me. He put a lot of pressure on me. He did not even permit me to go out with two Russian friends of mine who were ladies and in this occasion he pushed me. This was the first time he was aggressive. It was my birthday."*[17] , u qalet li kien hemm ukoll okkazzjoni meta refa' jdejh u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuqha. Madankollu l-qorti tistqarr li tara din il-verzjoni bhala kemxejn mgebbda meta tqies li l-konvenuta qalet li qabel iz-zwieg Stefan kien *"... a very good and kind person."* [18]. Temmen jew ma temminx lill-konvenuta dwar dak li wassalha biex titlaq mid-dar jibqa' l-fatt li mic-cirkostanzi l-qorti temmen li meta sar il-kuntratt tad-9 ta' Gunju 2009 l-attur gie ngannat u gie ndott jaghmel zball meta nghata x'jifhem li l-konvenuta verament kienet thobbu u riedet tizzewwgu ghalhekk u mhux sempliciment qeghda tfittex opportunita biex ittejjeb is-sitwazzjoni personali taghha."

---

[16] Fol. 108.
[17] Fol. 90.
[18] Fol. 88.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-attur li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħoġobha tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija nhar it-30 ta' Lulju, 2012;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawża jirriżulta li l-attur Stefan Spiteri iżżewweġ lill-konvenuta Kseniya Kandybina, u dawn, qabel ma żżewwġu, daħlu f'kuntratt pre-nutiali li fih l-attur obbliga ruħu li jgħaddi ammonti ta' flus lill-konvenuta, u intrabat ukoll li jħallas is-somma ta' €60,000 lill-konvenuta kemm-il darba ż-żwieġ jiġi dikjarat null, jew jottjeni divorzju jew jisseparaw. Tlett xhur wara ż-żwieġ, il-konvenuta telqet mid-dar, u allegatament qed tgħix ma' raġel ieħor. L-attur jallega li l-kuntratt ta' qabel iż-żwieġ għandu jiġi rexiss peress li l-kunsens tiegħu fuq l-istess ingħata wara ingann da parti tal-konvenuta.

L-ewwel Qorti, wara li analiżżat il-provi, sabet li l-attur kien ġie ingannat biex jiffirma l-kitba taż-żwieġ u ordnat ir-rexissjoni tagħha.

Il-konvenuta appellat mis-sentenza u ssostni li da parti tagħha, hija riedet tiżżewweġ lill-attur u ma għamlitlux pressjoni biex jiffirma l-kuntratt issa impunjat.

Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, tara li anke minn qari sempliċi tal-kontenut tal-kuntratt in kwistjoni, wieħed mill-ewwel jagħraf li hemm xi ħaġa mhux normali fil-każ. Il-kuntratt jixxaqleb kompletament favur il-konvenuta, b'mod li fil-kummerċ kien jissejjaħ ħolqien ta' *soċjeta` leonina*. Meta tqies li l-attur jinsab rekoverat fl-isptar Monte Karmeli u jbati minn marda kronika magħrufa bhala *acute paranoid schizophrenia*, u li l-"għerusija" tal-kontendenti kienet qasira, din il-Qorti tikkonkludi li l-attur ma kienx f'pożizzjoni jifhem għal x'hiex kien dieħel meta iffirma l-kuntratt. Il-psikjatra, li tiegħu l-attur huwa pazjent, jgħid li l-marda hija waħda mill-aktar mard kroniku sever, tkun dejjem hemm u ma tistax tgħid kif pazjent jista' jfieq minnha għaliex hija permanenti. Jispjega wkoll li din il-marda affettwat l-abilita` tal-attur li jieħu deċiżjonijiet u li jippjana u japprezza dak li qed jiġri madwaru.

Il-konvenuta, da parti tagħha, jidher li riedet titlaq minn pajjizha u tibni s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha bil-qerq ġewwa pajjiż ieħor. Għalkemm tgħid li lill-attur kienet tħobbu u li ma kenitx taf bil-kundizzjoni medika tiegħu, din il-Qorti hija moralment konvinta li hi ma riedetx tibqa' mal-attur u żżewġitu għal flusu. Hija sfruttat is-sitwazzjoni tiegħu, li tagħha żgur kellha aċċenn, u daħħlitu f'kuntratt u żwieġ sempliċiment biex teħodlu flusu. L-ewwel Qorti għamlet ġabra ta' fatti li wassluha għall-konvinċiment li l-konvenuta ma kenitx genwina fl-aġir tagħha, u din il-Qorti wara li għarblet il-fatti, taqbel mas-sitwazzjoni kif iddeskrivitha l-ewwel Qorti. Jirriżultaw ħafna indizji li juru li l-konvenuta ma kellhiex ħsieb tibqa' mal-attur f'rabta ta' żwieġ, fosthom ir-reklam li għamlet fuq l-*internet*, ħmistax wara ż-żwieġ, fejn iddeskriviet lilha nnifisha bħala *single* u li kienet qed tfittex raġel. Il-konvenuta tgħid li ma kenitx hi li poġġiet l-avviż fuq is-sit, pero`, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, ma tqishiex kredibbli, aktar u aktar meta tqis li ma għamlet xejn biex tbiddel l-istatus tagħha minn fuq il-*portfolio* tagħha.

Din il-kawża hi ippermjata fuq apprezzament ta' fatt, u kollox ma' kollox din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti għamlet analiżi korrett taċ-ċirkostanzi tal-każ u taqbel li, f'dan il-każ, l-attur ġie indott jiffirma l-kitba taż-żwieġ b'ingann mill-konvenuta, li wegħditu mħabba iżda rieditu għall-flus.

Fir-rigward tal-istatus tal-missier li fetaħ il-kawża għan-nom ta' ibnu, ir-raġel tal-konvenuta, din il-Qorti tirrileva li, għalkemm l-attur ġie formalment inabilitat wara l-ftuħ ta' din il-kawża, fi zmien tal-ftuħ tal-kawża jidher li l-attur ġia` kien inkapaċi mentalment, b'mod li l-marda kienet taffettwalu l-*executive function* tiegħu, u allura, il-kapaċita` li, waħdu, joqgħod fil-kawża. Hi x'inhi, l-inabilitazzjoni li ħarġet fil-konfront tiegħu wara l-ftuħ tal-kawża, tissana l-proċeduri fuq il-prinċipju ta' *jus superveniens*.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Kseniya Kandybina billi tiċħad l-istess u tikkonferma bis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df